MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 724/2006

**Massimo Cremona**

**vs**

**Anthony sive Tony Dowling u Pauline Dowling**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis- 7 ta' Awissu, 2006, li bih ir-rikorrent talab li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ u tgħaddi biex tikkundanna lill-imħarrkin biex iħallsuh is-somma ta' ħamest elef, erba' mija u erbgħa u ħamsin liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċentezmi (Lm 5454.75) li tirrappreżenta l-bilanċ mhux imħallas minnhom fuq għadd ta' konsinni ta' laħam li hu għamlilhom;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni għall-finijiet tal-artiklu

187(3), li naqsu li jidhru biex jikkontestaw il-kawża meta din issejħet għadd ta’ drabi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rikorrent

Semgħet l-Avukat tar-rikorrent

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati u mistħoqqa;

Fil-kontumaċja tal-intimati tiddeċiedi billi tilqa t-talbiet tar rikorrent kif dedotti fir-rikors u dan billi:

1) Tiddeċiedi u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) Tilqa’ t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-attur is-somma ta’ ħamest elef erba’ mija u erbgħa u ħamsin liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (Lm 5454.75) rappreżentanti l-bilanċ ta’ prezz ta’ diversi konsenji ta’ laħam lilhom mibjugħ u konsenjat, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b’effett mis-7 ta’ Awissu, 2006, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) Tikkundanna lill-imħarrkin ukoll li jħallsu l-ispejjez tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------